# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tlieta (3) ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru 275/14 FDP**

**Silvio Scerri**
**(ID 338767M)**

**vs**

**Alexander Attard**
**(ID 456067M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-8 ta' Awissu 2014 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu intitolat '***L-Arroganza u l-indhil politiku qed iwasslu ghal rizenji***" ippubblikat fil-gazzetta In-Nazzjon tas 7 ta' Awissu 2014, li tieghu l-intimat kien l-editur registrat, talab lill-Qorti tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk, talab wkoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu danni ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna fejn, taht ritratt tad-Deputat Kap tas-Servizzi Sigrieti Mark Galea, hemm titolu li jghid '*L-Arroganza u l-indhil politiku qed iwasslu ghal rizenji*", imbghad hemm l-artikolu illi jghid is-segwenti:

> *" Decizjonijet arroganti u indhil politiku qed ikunu l-ordni tal-gurnata f'numru ta' sezzjonijiet differenti li jaqghu taht ir-responsabbilta' politika tal-Ministru Mallia.*
>
> *Fost ohrajn, nistghu nizvelaw li dawn wasslu ghal rizenja ohra u aktar disgwid fis-Servizz tas-Sigurta', hekk kif fil-jiem li ghaddew irrizenjat ukoll persuna ohra li regghet iddahhlet fid-Dipartiment wara r-rebha tal-Partit Laburista fl-elezzjoni generali li ghaddiet.*

*In-Nazzjon jista jizvela li issa imiss li jirrizenja d-Deputat Kap tas-Servizzi Sigrieti Mark Galea.*

*L-informazzjoni li ghandu dan il-gurnal tghid li Galea ma hassux komdu fit-tieni l-oghla kariga tas-Servizz tas-Sigurta' minhabba n-nuqqas ta' professjonalita' li biha qed jitmexxa s-Servizz mill-Kap tieghu Michael Cassar, bid-Dipartiment prattikament qisu Kazin Laburista.*

*Il-problemi ghal Galea komplew jizdiedu ghax meta pprova jigbed l-attenzjoni tal-Ministeru mmexxi minn Manwel Mallia, ic-Chief of Staff Silvio Scerri qabez ghal Cassar. Dan wassal lil Galea jsahhah it-teorija tieghu, specjlament wara l-indhil zejjed ta' Scerri.*

*Mark Galea, li hu Maggur fl-Armata u jigi n-neputi tal-eks Deputat Speaker u eks Speaker Jimmy Abela, kien irrizenja mis-Servizz tas-Sigurta' fl-2010. Madanakollu, ftit wara r-rebha elettorali Laburista f'Marzi 2013, Ufficjali mill-Ministeru ta' Manwel Mallia baghtu ghalih biex ikun jista jergha jiddahhal fis-Servizz.*

*Malli gie introdott mill-gdid, hu nghata l-kariga ta' Deputat Kap, sakemm irrizzenja fil-jiem li ghaddew.*

*Sadanittant, sitwazzjoni simili wasslet ukoll biex l-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni, Mario Schembri, tefa r-rizenja tieghu minn din il-kariga. Informazzjoni li ghandu In-Nazzjoni tghid li kellha tkun laqgha li ssejjhet b'urgenza fil-bini tal-Ministeru li possibbilment wasslet lil Schembru biex ibiddel id-decizjoni u probabbli jibqa fil-kariga.*

*Jirrizulta li Mario Schembri tefa' r-rizenja tieghu t-Tlieta li ghadda, izda l-Ministru Mallia ma riedx jaccettaha. Ghaldaqstant issejhet laqgha urgenti bit-tama li tinstab it-triq tan-nofs. Sorsi mill-Ministeru ta' Mallia qalu li r-raguni ewlenija wara din ir-rizenja kienet l-indhil politiku mic-Chief of Staff Silvio Scerri.*

*L-istess sorsi spjegaw ukoll li madwar 40 Ufficjal fid-Dipartiment ghandhom l-arja tal-Ministru u ghalhekk, bhala Direttur, Schembri spicca qisu kelb bla snien u jdejh marbutin. "*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fid 19 ta' Settembru 2014 fejn sahaq illi l-kontenut ta' l-artikolu mhuwiex libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tal-attur u jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku dwar persuni pubblici li, ghalhekk, jikkonsistu f'fair comment u kritika accettabbli f'socjeta demokratika u ezercizzjoni tal-liberta' tal-espressjoni sancita mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem/

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Silvio Scerri** moghtija fit-13 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Michael Cassar**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit 13 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Galea** prodott mir-rikorrent u moghtija fit 13 ta' Novembru 2014 kif ukoll prodott mill-intimat u moghtija fit-12 ta' Ottubru 2015 u fis-16 ta' Novembru 2016.

Rat illi fit-13 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta filwaqt illi fis-17 ta' Marzu 2016 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-10 ta' Ottubru 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fis-7 ta' Awissu 2014, kien ic-*Chief of Staff* tal-Ministru Dr Manwel Mallia, li kien il-Ministru tal-Intern u Sigurta' Socjali fil-gvern tal-gurnata.

Jirrizulta illi l-artikolist tal-gazzetta In-Nazzjon, illi taghha, fatt mhux ikkontestat, l-intimat kien l-editur fid-data tal-pubblikazzjoni, fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna ppubblikat fit-tieni faccata tal-gazzetta ippubblikata il-Hamis, 7 ta' Awissu 2014, ghamel referenza ghar-rizenja ta' zewgt persuni f'karigi importanti f'zewgt entitajiet illi kienu jaqghu taht id-dikasteru tal-Ministru Manwel Mallia: dik tal-Maggur Mark Galea minn vici-Kap tas-Servizzi Sigrieti u dik ta' Mario Schembri minn Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni, b'dan ta' l-ahhar eventwalment jirtira r-rizenja tiegu.

Jirrizulta illi l-artikolist jibda l-artikolu tieghu billi jimposta l-raguni tal-azzjonijiet kollha illi dwarhom huwa ser jikteb bhala dovuti ghal "*decizjonijiet arroganti u indhil politiku (li) qed ikunu l-ordni tal-gurnata f'numru ta' sezzjonijiet li jaqghu taht ir-responsabbilta' politika tal-Ministru Manwel Mallia.*"

Jirrizulta wkoll illi l-istess artikolist jikkontendi illi, ghal dak li jirrigwarda r-rizenja tal-Maggur Mark Galea, apparti minn problemi illi kellu mal-Kap ta' dak iz-zmien tas-Servizzi Sigrieti Michael Cassar, l-problemi "*komplew jizdiedu ghax meta pproiva jigbed l-attenzjoni tal-Ministeru mmexxi minn Manwel Mallia, ic-Chief of Staff Silvio Scerri qabez ghal Cassar*". L-artikolist izid jghid ukoll illi "*specjalment wara l-indhil zejjed minn Scerri*", Galea iddecieda li jikkonferma r-rizenja tieghu.

Jirrizulta wkoll illi, dwar ir-rizenja li kien tefa Mario Schembri u li eventwalment irtira, l-artikolist jishaq illi "*sorsi mill-Ministeru ta' Mallia qalu li r-raguni ewlenija wara din ir-rizenja kienet l-indhil politiku mic-Chief of Staff Silvio Scerri.*"

Jirrizulta, illi fil-proceduri odjerni, apparti x-xhieda tar-rikorrent Silvio Scerri u Michael Cassar, ittella jixhed ukoll il-Maggur Mark Galea, kemm mir-rikorrent u l-intimat, u kemm Michael Cassar, dak iz-zmien Kap tas-Servizi Sigrieti, kif ukoll il-Maggur Mark Galea, it-tnejn ikkonfermaw illi Silvio Scerri qatt ma involva ruhu f'decizjonijiet jew attivitajiet tas-Servizzi Sigrieti, bhalma ta' x'jifhem l-awtur ta' l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi l-Maggur Mark Galea, illi kien ukoll l-unika xhud illi pproduca l-intmat in sostenn tad-difiza tieghu, dejjem stqarr illi, ghalkemm ma kellu xejn personali kontra s-Sur Michael Cassar, li kien il-Kap tas-Servizzi Sigrieti, huwa ma kienx jaqbel mal-mod kif huwa kien qieghed imexxi l-affarjiet u, bhala Vici-Kap, sahaq illi ma setax "*jissinkronizza*" mieghu u ghalhekk ghazel illi jirritorna fl-Armata, minn fejn huwa kien gie sekondat mas-Servizzi Sigrieti.

Jirrizulta, finalment, illi sussegwentement, meta s-Sur Michael Cassar ma baqax iservi bhala Kap tas-Servizzi Sigrieti u kien appuntat Kummissarju tal-Pulizija, il-Maggur Mark Galea regga dahal fis-Servizzi Sigrieti mill-gdid.

Jirrizulta illi Mario Schembri, li kien il-persuna l-ohra illi l-artikolist insinwa li ried jirtira minhabba fl-"*indhil politiku*" tar-rikorrenti, qatt ma gie prodott bhala xhud quddiem dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fil-mument tal-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna, kien persuna impjegata mal-Ministru ta' Intern u Sigurta Nazzjonali bhala 'Chief of Staff' tal-Ministru ta' dak iz-zmien, Dr Manwel Mallia' u, ghalhekk, kif qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**,

> *….. civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Ghalhekk, il-livell ta' kritika illi setghet issir lir-rikorrent, fil-kariga ufficjali tieghu ta' Chief of Staff u ghalhekk persuna b'kariga pubblika, setghet tkun oghla minn dik ta' individwu privat, izda certament ma tistax tkun oghla minn dik ta' persuna politika illi huwa suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla.

Ghandu jinghad wkoll illi huwa accettat illi l-gurnalisti ghandhom obbligu illi jzommu lill-pubbliku infurmat b'dak kollu illi qieghed jigri u li jista jkun ta' interess pubbliku, u huwa fatt illi l-gurnalisti huma issa maghrufa bhala il '*public watchdog*' tal-poltici u persuni pubblici biex jigi assikurat illi l-operat ta' dawn il-persuni jkun fl-ahjar interess tal-pajjiz u tal-pubbliku in generali.

Jirrizulta, illi madanakollu, illi flimkien mad-drittijiet tal-gurnalisti, hemm l-obbligi, illi huma necesasrji sabiex jassikuraw bilanc ekwu fir-rappurtagg, u di fatti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *….freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza mqajjma mill-intimat fil-kawza odjerna kienet illi l-kummenti illi saru kienu '*fair comment*' fuq fatti sostanzjalment veri u verifikabbli u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti.

Dwar id-difiza ta' "fair comment", **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta’ April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta’ dik il-fehma ma saritx b’ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa’ lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively “fair”; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant’s honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant’s honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Ghalhekk, jirrizulta li mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta’ ‘*fair comment*’ tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm l-artikolist jikkontendi fl-artikolu tieghu intitolat “***L-arroganza u l-indhil politiku qed iwasslu ghal rizenji***”, illi l-“*indhil politiku*” li kien qieghed iwassal ghal tali rizenji kien qieghed isir mir-rikorrent, fil-kapacita’ tieghu ta’ Chief of Staff tal-Ministeru ta’ l-Intern u Sigurta’ Nazzjonali, mhux talli ma ngabietx prova sabiex tikkonferma tali allegazzjoni, izda talli wiehed miz-zewgt persuni li l-artikolist semma li rrizenja minhalla l-indhil politiku tar-rikorrent, ossija l-Maggur Mark Galea, tela jixhed tlett darbiet, u t-tlett darbiet ikkonferma illi r-rikorrent qatt ma ndahallu f’xoghlu u qatt ma ltaqa’ mieghu dwar ix-xoghol illi huwa kellu, u sahaq li kien irrezenja minhabba f’differenzi illli kellu mal-Kap ta’ dak iz-zmien, Michael Cassar, u mhux minhabba fir-rikorrenti Silvio Scerri.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm l-intimat jishaq illi l-allegazzjonijiet tieghu kienu attwalment verifikabbli, tali verifiki ma ngabux, u ghalhekk d-difiza ta’ “*fair comment*” minnu mressqa ma tissusistix stante illi dak minnu allegat ma jistax jitqiex bhala li huwa bbazat fuq fatti “*sostanzjalment veri*”, kif tali difiza tenhtieg.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta’ Jannar, 2016.

*Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx pjenament mal-osservazzjoni gusta illi ghamlet il-Qorti tal-Appell u tishaq li ma huwiex gust u korrett li tintuza tali difiza biex tipprova tiddefendi posizzjoni indifendibbli, bhalma hija dik ta' akkuza bhal dik attribwita lir-rikorrenti illi kien qieghed jinfluenza persuni f'karigi gholja f'istituzzjonijet serji ta' pajjizna u li kien qieghed iwassal ghal rizenji.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu intitolat "***L-Arroganza u l-indhil politiku qed iwasslu ghal rizenji***" ppubblikat fil-harga tal-gazzetta in-Nazzjon tal-Hamis, 7 ta' Awissu 2014, illi tieghu kien l-editur Alexander Attard, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu a karigu ta' l-intimati.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur